**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Roslyn Debattista Grima

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 221/21/MS

28 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Dicembru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' mitejn u sebghin Euro, prezz ta' zewg zebra blinds ordnati minghand is-socjeta' intimata, liema installazioni ma gietx konkjuza skond dak miftiehem, minhabba hsara f'wiehed mill-blinds, li qatt ma gie konsenjat lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ilmentat ukoll fuq il-kulur tal-katini (chains) li kienu suwed meta d-drapp tal-blind kien car u talbet illi dawn jigu mibdula.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha biex tixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Novembri tas-sena 2020 ir-rikorrenti ordnat erba' *zebra blinds* minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz totali ta' €870.00. Dawn kienu intizi ghal kcina u ghal kamra tal-pranzu kif ukoll ghal kamra tas-sodda. Gurnata qabel l-installazjoni, ir-rikorrenti rceviet telefonata minghand certu Sammy, impiegat, li infurmaha illi *blind* minnhom ma kienx ha jigi installat fil-kamra tal-pranzu minhabba xi hsarat u minfoku kien ha jitpogga *blind* temporanju ghal perjodu ta' gimghatejn sakemm il-*blind* originali jigi installat. Ir-rikorrenti hallset il-prezz kollu peress illi dehrilha illi hekk kellha taghmel, anke ghaliex il-kumpanija kienet ipprovdiet dan il-*blind* temporanjament. Pero' ghaddew gimghatejn u anke iktar u ma semghet xejn u dan minkejja diversi telefonati u *emails* mibghuta lis-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti ilmentat ukoll fuq il-kulur tal-katini (chains) tal-*blinds* kollha li kienu differenti mill-kulur tad-drapp u allura xtaqet illi dawn jigu mibdula wkoll. Fis-16 ta' Dicembru 2020 - u allura iktar minn xahar wara l-installazjoni - avzat il-kumpanija illi kienu ha jirreferu l-kaz ghand il-konsuamtur, u hemmhekk ircevew risposta

minghand Mauro Portelli , li talab apologija u wieghed li l-materjal kellu jasal ghandhom f'Jannar. Kien hemm ukoll kwistjoni ta' *loose bracket* illi kellu jigi imsewwi u wieghed illi kien ser jaghmel kuntatt dak il-gimgha stess. Pero' sal-4 ta' Jannar, dan il-kuntatt kien ghadu ma sarx u r-rikorrenti baghtet *email* iehor fejn talbet kjarifika fuq meta kien ha jsir l-installazjoni kif ukoll fuq l-affarijiet l-ohra. Fit-12 ta' Jannar 2021 regghet baghtet *email* fejn avzat li jekk tibqa' minghajr risposta kienet ser tmur ghand l-MCCAA. Kif fil-fatt kellha taghmel.

It-Tribunal ra l-*emails* kollha skambjati bejn ir-rikorrent u s-sid Mauro Portelli, fejn jidher car illi dak kollu li xehedet ir-rikorrenti huwa minnu. Jidher illi ghalkemm Mauro Portelli skuza ruhu mal-klijenta u weghdha li kien ser jibdel il-*blind* sat-tieni gimgha ta' Jannar 2021 kif ukoll jsewwi il-*bracket,* dan ma sarx u l-kumpanija baqghet inadempjenti.

It-Tribunal jinnota wkoll li s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu. Dan ma jawgura xejn tajjeb u jkompli jinduci lit-Tribunal fil-fehma tieghu illi s-socjeta' intimata mhi xejn professionali u m'ghandha l-ebda rispett ghal-klijenti taghha. Dan ifisser ukoll illi t-talba tar-rikorrenti hija inkontestata.

Illi quddiem dan it-Tribunal ir-rikorrenti spjegat illi ghalkemm *blind* minnhom tal-kcina kien installat, hi xtaqet li l-blinds ikunu parigg xulxin peress illi kienu intizi ghall-istess kamra, allura riedet jew li tinghata blind l-istess bhalu, jew jigu mibdula t-tnejn, jew inkella tinghata flusha lura. Ir-rikorrenti ghandha ragun. L-ordni kienet ghal zewg blinds parigg xulxin u allura anke jekk blind minnhom kien installat tajjeb, il-blinds gew ordnati bhala par u kellhom jigi installati flimkien. Peress illi l-kumpanija inghatat zmien bizzejjed biex taghmel l-installazjoni tal-*blind* tal-kamra tal-pranzu u baqghet inadempjenti, ir-rikorrenti ghandha dritt tiehu flusha lura tat-tnejn

Illi r-rikorrenti qed titlob is-somma ta' mitejn u sebghin Euro ghal zewg blinds u sabiex il-katini jigu mibdula. It-Tribunal m'ghandux quddiemu l-ircevuta peress illi skond ma xehed Matthew Grima, dan qatt ma nghata lir-rikorrenti . Pero' ic-cekkijiet esebiti flimkien jammontaw ghal €870.00 u allura t-talba tar-rikorrenti hija ragonevoli fic-cirkostanzi u ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna illi s-socjeta intimata thallasha s-somma ta tlett mitt euro, kwantu ghal mitejn u hamsin euro prezz ta zewg *blinds* u hamsa u ghoxrin euro kumpens ghal fatt li r-rikorrenti ser ikollha titghabba b' katina mhux parigg. Jordna wkoll li wara li jsir il-hlas il- kumpanija intimata tiehu lura l-*blind* gia nstallat u l-*blind* temporanju. Bl-spejjez kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru